# Fenek u majjal bil-*brandy*

**Għandek bżonn: (4 persuni)**



4 koxox tal-fenek
500g flett tal-majjal
4 sinniet tewm
Tazza nbid abjad
Ftit żejt taż-żebbuġa
Ftit *soy sauce*
Werqa randa
Grokk *brandy*
Bżar

**Metodu:**

Saħħan iż-żejt, żied it-tewm u aqli l-fenek fuq kull naħa għal 5 minuti
Qatta l-flett tal-majjal f'biċċiet żgħar u żiedhom fit-taġen mal-fenek
Sajjar għal madwar għaxar minuti u dawwar il-laħam ta' spiss
Żied l-inbid, is-*soy sauce* u r-randa u ħawwar bi ftit bżar
Kompli tekkek fuq in-nar għal ħmistax il-minuta oħra
Ftit qabel ma sservi fuq il-platt, zied il-*brandy*

**Noti:**

Tista tagħmel l-istess riċetta billi tuża fenek sħiħ imqatta biċċiet żgħar
Minflok flett tal-majjal, tista tuża żaqq tal-majjal mingħajr il-ġilda
Il-*brandy* tajjeb li tqabbduh fit-taġen stil '*flambe'*
Bħala kontorn għal ma' din ir-riċetta, huwa adattat xelta ta' ħaxix bħal zunnarija, piżelli u patata l-forn bil-bużbież